MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2003

Numru 624/2002

**Il-Pulizija
(Spettur Yvette Farrugioa)**

**vs**

**Keith Debono u Malone Debono**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Keith Debono ta’ 16-il sena bin Carmel u Veronica nee’ Grech imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Gunju, 1986 u residenti Blk C4, Flat 2, Triq Mahatma Ghandi Fgura; u

Malone Debono ta’ 13-il sena bin Carmel u Veronica nee’ Grech imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Awissu, 1988 u residenti Blk C4, Flat 2, Triq Mahatma Ghandi Fgura; akkuzati talli:

1. f'dawn il-gzejjer, fix-xahar ta' Marzu 2002 uzaw credit card misruqa biex biha xtraw; mobile phone bis-Sim card b'kollox tal-mudell Nokia 3310 ghall-valur ta' Lm75, mobile phone tal-mudell Nokia 8310 bis-Sim card b'kollox ghall-valur ta' Lm190 u b'Lm43 affarijiet tal-fidda ghad-detriment ta' Carmela Spiteri;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, nkella illi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamlu falsifikazzjoni tal-firma ta' Carmela Spiteri u dan kollu ghad-dannu tal-istess Carmela Spiteri;

3. Malone Debono fl-20 ta' Marzu 2002, seraq kartiera li kien fiha 4 credit cards, Lm17 fi flus, licenzja tas-sewqan u karta ta' l-identita' liema serq sar ghad-detriment ta' Carmela Spiteri.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi fl-udjenza tal-lum l-imputati rregistraw ammissjoni li ippersistew fiha anka wara li din il-Qorti tathom zmien jikkonsidraw.

Stante din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati kkonsidrat l-akkuzi, l-istat tal-imputati u l-fedina penali taghhom u wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279, 280, 167, 169, 17 tal-Kap 9 tiddecidi li tpoggi lill-imputati taht il-harsien ta' ufficjal tal-Probation bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin millum u

tobbliga lill-imputati ihallsu l-ammont ta’ Lm300 lil Carmela Spiteri zmien mhux aktar tard minn sitt xhur millum a tenur ta’ l-istess artikolu tac-citat att.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------